# KUNSILL LOKALI MTARFA

**IS-SITT LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**LAQGĦA NUMRU 33 – IL-ĦAMIS 12 TA' MARZU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet kemxejn tard sakemm il-Kunsill iltaqa' mal-applikanta għall-vakanza ta' Ambaxxatur Lokali għaz-Zgħazagħ, Jaime Marie Galea, fejn matul il-laqgħa ġiet ikkonfermata u mistiedna biex tibqa' għall-kumplament tal-laqgħa. Ma kienx hemm aktar nies prezenti.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 30, 31 U 32

1.1 It-tliet settijiet ta' minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 It-tliet settijiet ta' minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE mingħajr ebda emenda.

## 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li kienet tkellmet mad-Direttur li jieħu ħsieb id-Direttorat dwar il-ħarsien tal-annimali u kienet ftehmet miegħu li għandhom jiltaqgħu biex turih is-sit propost mill-Kunsill għal doggie park fi Triq is-27 ta' April.

2.2 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para 2.3, kienet għadha ma ħadet ebda azzjoni. Sadanittant infurmat li kienet irċeviet ilment minn Triq il-Fosos tal-Qamħ fejn jidher li kien intbagħat l-istess ritratt li kien intbagħat oriġinarjament f'korrispondenza oħra minn din it-triq. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tibda billi tibgħat kommunikazzjoni lill-avukat tal-Kunsill sabiex jiġi vverifikat jekk il-Kunsill jistax joħroġ mill-obbligu li jipprovdi l-iskips u li jnaqqas il-kuntratt minn kif inhu fil-prezent.

2.3 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para 3.1, wara li kienet kwazi tlestiet l-applikazzjoni tal-UE għal fondi għall-attività militari, iz-zewġ partijiet infurmaw li ma setgħux ikomplu u għaldaqstant l-applikazzjoni spiċċat fix-xejn. Min-naħa l-oħra, il-MEUSAC kienu rrakkomandaw lill-Kunsill biex jissieħbu fi proġett simili mal-Isla,

Birgu u Bormla flimkien ma' numru ta' Kunsilli u entitajiet oħra mill-Italja, Latvia u Litwanja. L-attivitajiet se jkunu kkonċentrati kollha fis-sena 2016 fejn fir-rigward ta' MM din se tiġi abbinata ma' attività mifruxa fuq is-Sibt u l-Ħadd fejn is-Sibt tinzamm attività militari f'Dock 1 filwaqt li l-għada tinzamm l-attività fl-Imtarfa. Is-SE fakkret li kienet bagħtet kommunikazzjoni dwar dan kollu lill-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel ma' din l-applikazzjoni u rrakkomanda lis-SE u lis-Sindku sabiex jinzamm kuntatt regolari mal-MEUSAC għal possibbiltajiet ta' programmi simili.

2.4 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 3.2, it-tindif tax-xelter kien sar kollu grazzi għall-voluntiera u l-entitajiet u għaldaqstant kien hemm qbil li l-pass li jmiss kien li jsir survey sabiex possibbilment tinstab bokka ġdida u jsir id-dawl biex ikun aċċessibbli.

2.5 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud kien hemm diskussjoni dwar kif il-Kunsill jista' jgħin aktar lill-Imtarfa Drama Group sabiex jittella' l-pageant tal-passjoni. Filwaqt li s-Sindku b'mod speċjali qabel ma' dan is-suġġeriment, finalment kien hemm qbil li għalkemm mhux possibbli li tizdied l-allokazzjoni għal din l-attività li ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, il-Kunsill xorta kien se jgħin kemm jista' biex din il-produzzjoni tittella' bħas-soltu, għaliex saret parti integrali mill-kalendarju tal-attivitajiet għar-residenti tagħna.

2.6 Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fuq il-kotba tal-Kunsill jidher li fadal madwar €22,000 mill-allokazzjoni li kien poġġa d-Dipartiment tal-Gvern Lokali fil-kont tal-Kunsill sabiex issir ir-rikostruzzjoni ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bugeja u Triq l-Anzjani. Hija infurmat li l-awdituri kienu ġibdu l-attenzjoni tagħha li l-Kunsill għandu jgħarraf lid-Dipartiment sabiex dawn il-flus jiġu rritornati lura. Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob lid-Dipartiment sabiex minflok jiġu rritornati, dawn għandhom jintuzaw sabiex tiġi rikostruwita xi triq oħra fil-lokalità.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li kien attenda għal laqgħa organizzata mill-MAGF fejn dawn infurmaw li kienu nedew il-programm għall-fondi ġodda. Għaldaqstant huwa saħaq li huwa importanti ħafna li l-Kunsill ikun preparat sabiex hekk kif tiftaħ il-call il-Kunsill ikun jista' jitfa' l-applikazzjoni tiegħu immedjatament sabiex possibbilment jikseb il-fondi biex isir proġett ieħor fl-Imtarfa. Huwa fakkar li l-Kunsill kien diġà ħa deċizjoni li l-proġett li se jkun qed japplika għalih huwa t-tisbiħ fiz-zona ta' Triq San Oswald u li possibbilment dan il-proġett għandu jitniffed maz-zona tal-bosk min-naħa u maz-zona ta' Triq is-27 ta' April minn oħra.

3.2 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu mal-Bord li qed jieħu ħsieb il-fondi għall-attivitajiet kulturali biex ikun hemm aktar għarfien dwar kif jistgħu jappoġġjaw lill-Kunsill. Huwa informa li għalkemm ġew infurmati min-naħa tiegħu li hemm possibbiltà li l-attività għas-sena 2015 ma ssirx minħabba nuqqas ta' rizorsi finanzjarji, dawn kienu talbu li l-Kunsill jikkunsidra li din issir minħabba li l-attività issa hija parti mill-kalendarju nazzjonali. Min-naħa tal-Kunsill izda xorta qabel li għandu jistenna u jara kemm huma lesti li jagħtu għajnuna lill-Kunsill qabel ma tittieħed id-deċizjoni ssirx jew le.

3.3 Is-Sindku informa wkoll li waqt l-istess laqgħa dawn kienu ssuġġerew lill-Kunsill biex ikellmu lill-Heritage Malta sabiex possibbilment tgħin fir-restawr tal-arloġġ u sabiex 'il quddiem dan ikun jista' jinfetaħ għall-pubbliku. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud sostna li kull diskussjonijiet għandhom isiru bi ftehim li l-pussess tal-arloġġ jibqa' f'idejn il-Kunsill.

3.4 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel pubbliċità tal-paġna ta' *facebook* tal-Kunsill – madwar €100 - b'mod speċjali fid-dawl tal-attivitajiet ta' Jum l-Imtarfa li se jsiru fl-aħħar ta' April. Sadanittant huwa fakkar lis-SE sabiex tieħu ħsieb li jiġi ppubblikat poster dwar l-attivitajiet. Fakkar ukoll li l-attivitajiet pjanati huma l-lejla poe-muzikali fejn jingħataw ukoll Ġieħ u Mertu l-Imtarfa, Quddiesa ta' radd il-ħajr nhar Jum l-Imtarfa, il-ftuħ tax-xelter, ftuħ tal-librerija u attività fil-bandli.

3.5 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jalloka numru ta' parkeġġi fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Gladjoli. Huwa informa li dan għandu jzid il-parkeġġ f'din iz-zona b'madwar 5 parkeġġi.

3.6 Is-Sindku staqsa lis-SE dwar jekk kellhiex xi aħbar dwar id-devoluzzjoni tal-ġnien. Hija infurmat li s'issa ma kellha ebda kommunikazzjoni dwar hekk però kienet għaddejja f'kommunikazzjonijiet oħra sabiex flaħħar ġew ifformulati u ffirmati (min-naħa tal-Ministeru kkonċernat) ftehim għall-manutenzjoni tal-funtani u ieħor għall-manutenzjoni tas-soft areas. Hija infurmat li kienet għadha titlob li ssir il-manutenzjoni fuq il-kiosk minħabba li din kienet tagħmel l-ilma. Kienet se tagħmel ukoll talba sabiex il-Kunsill jingħata permess biex jibda jiftaħ il-latrini u biex tivverifika dwar il-proċess tad-devoluzzjoni.

3.7 Is-SE infurmat li kienet irċeviet Memo 5/2015 sabiex il-Kunsill japplika għal lezzjonijiet għall-adulti tal-Lifelong Learning. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li minflok it-tliet suġġetti baziċi, il-Kunsill għandu japplika għal tagħlim akkademiku f'livell aktar avvanzat.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur Euroclean kien bagħat pagament li jkopri 4 xhur sħaħ.

4.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.3 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Frar 2015.

4.4 Għat-talba tas-SE kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japprova l-ħlas ta' €70 fis-sena għas-servizz ta' Dropbox fuq il-kompjuter tas-SE.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY REPORT (OTTUBRU – DIĊEMBRU 2014)

5.1 Issejjaħ l-accountant tal-Kunsill li kien ġie apposta biex jagħti spjegazzjoni tar-rapport tal-aħħar kwart tas-sena 2014.

5.2 L-accountant spjega xi dħulijiet u ħruġijiet saru matul l-aħħar kwart. Huwa faħħar lill-Kunsill li rnexxielu jagħmel tajjeb għad-deficit li kien spiċċa bih matul is-sena ta' qabel. Fil-fatt, l-indikatur finanzjarju li spiċċa s-sena 2014 bih kien ta' 11.97%

5.3 Dan ifisser li jekk il-Kunsill ikompli jonfoq bil-għaqal, fis-sena 2016 se jkun faddal bizzejjed biex jagħmel proġett zgħir fil-lokalità.

5.4 Hawnhekk is-SE u l-accountant ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill li kull kunsill huwa fl-obbligu li jispiċċa s-sena b'indikatur finanzjarju ta' 10% u għaldaqstant huwa importanti li l-flus għall-proġett ikunu jkopru wkoll xi *contingency* għal spejjez li jistgħu jinqalgħu bla ħsieb.

## 6. IL-PJAN TA' TLIET SNIN

6.1 Il-Kunsill informa li huwa fil-ħsieb tiegħu li jagħmel proġett għal-lokalità matul it-tliet snin li ġejja għalkemm dan għadu ma ġiex identifikat mija fil-mija. Hawnhekk il-Viċi Sindku talab lill-Kunsill li l-proġett li jintagħzel għandu jkun wieħed li jolqot lir-residenti b'mod dirett. Is-Sindku qabel u qal li l-Kunsill għandu jagħmel lista ta' prioritajiet.

6.2 L-*accountant* għaldaqstant għandu jħejji l-pjan ta' tliet snin fuq din il-bazi.

6.3 L-*accountant* offra wkoll li ma' kull rapport ta' kull kwart għandu jgħaddi rapport ieħor bl-isem ta' budget variance analysis biex il-Kunsill ikun aktar konxju tal-bilanċi li jkun hemm.

## 7. IL-PROĠETT TAL-BOSK – L-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA MTFLC/T/01/2015

7.1 Is-SE infurmat li kienu nfetħu l-offerti fejn kien applikaw biss tlett kuntratturi. Hija infurmat li għalkemm ma kellhiex ir-rapport tal-perit f'idejha għaliex ma laħħaqx għaddihulha sal-bidu tal-laqgħa huwa kien infurmaha verbalment li kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-irħas offerta, dik ta' Anton Zarb.

7.2 Il-Kunsill għaldaqstant qabel li għandha tiġi mogħtija l-offerta lil dan il-kuntrattur għall-valur ta' €43,371.

7.3 Is-SE infurmat li kienet se tgħaddilhom kopja tar-rapport tal-perit hekk kif tirċevih kif ukoll kemm-il darba għal xi raġuni, ikun hemm xi rakkomandazzjoni differenti.

7.4 Sadanittant infurmat ukoll li issa kien ingħata bidu għat-tpoġġija tad-decking u għaddej ukoll il-proċess sabiex jingħata bidu għax-xogħol fuq il-ġibjun.

7.5 Is-SE infurmat ukoll li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand Attard Bros. sabiex ikun hemm estensjoni ta' 30 ġurnata minħabba li matul dawn l-aħħar ġimgħat ix-xogħol waqa' lura kaġun tal-maltemp u x-xita li għamlet. Il-Kunsill approva din l-estensjoni.

## 8. FTUĦ TAL-FERGĦA TAL-LIBRERIJA – AĠĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI MTFLC/Q/01/2015

8.1 Is-SE infurmat li kienu nfetħu l-kwotazzjonijiet għax-xogħol ta' għamara għal-librerija.

8.2 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li għandu japprova l-offerta ta' Studio Moda għas-somma ta' €3741 minħabba li kienet l-aktar waħda vantaġġjuza.

8.3 Hawnhekk is-SE infurmat li għalkemm kienu infurmawha li d-data għall-iffirmar tal-ftehim għandha ssir f'Marzu, sal-ġurnata kienet għadha ma ġietx mogħtija ġurnata u ħin fiss. Hija għandha tinfurmahom hekk kif tkun taf b'dan.

8.4 Fuq talba min-naħa tas-Sindku, kien hemm qbil li l-baġit għar-refurbishment tal-librerija jizdied b'€2500 għal total ta' €7000 għaliex l-ammont ta' €5000 ma kienx bizzejjed biex ikopri l-ispejjez kollha inizjali li hemm bzonn li jsiru.

8.5 Kien hemm qbil ukoll li inizjalment il-ftuħ tal-librerija jkun ta' 8 sigħat fil-ġimgħa li 4 sigħat minnhom għandhom jiġu koperti mill-Malta Libraries u l-4 l-oħra mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Preferibbilment il-Kunsill se jipprova jiftaħ il-librerija għal

sagħtejn it-Tlieta flgħaxija, sagħtejn oħra l-Ħamis flgħaxija u erba' sigħat is-Sibt filgħodu.

8.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħeġġeġ lill-Iskola Primarja biex hekk kif il-librerija tibda topera, ikun hemm numru ta' attivitajiet b'kollaborazzjoni magħha biex it-tfal jiġu inkuraġġati jmorru l-librerija.

## 9. PROPOSTA DWAR IT-TORRI TAL-ARLOĠĠ

9.1 Din il-materja diġà kienet ġiet diskussa u għaldaqstant inqabzet.

## 10. IL-PJANIJIET GĦALL-PROĠETT TAL-PJAZZA TAL-IMTARFA

10.1 Is-Sindku wera pjanta li kien għaddielu l-Perit tal-Kunsill dwar il-pjanijiet għat-tibdil u tisbiħ tal-pjazza u l-madwar. Huwa spjega fid-dettall dak kollu li kien qed jirrakkomanda li jsir il-Perit.

10.2 Kien hemm qbil unanimu dwar dawn il-pjanijiet. Kopja tal-pjanta qed tiġi mehmuza.

## 11. ĦATRA TA' AMBAXXATUR TAZ-ZGĦAZAGĦ

11.1 Il-Kunsill approva l-ħatra tas-Sinjorina Jaime Marie Galea bħala ambaxxatur taz-zgħazagħ.

## 12. ZJARA MINN DELEGAZZJONI MINN PUMPHERSTON, FL-ISKOZJA

12.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-aħħar programm rivedut għal din iz-zjara għall-informazzjoni ta' kulħadd.

12.2 Fuq talba min-naħa tas-Sindku, kien hemm qbil li l-baġit jizdied għal €2700 minflok €2000 għaliex mill-kalkulazzjonijiet il-ġodda jidher li ma kienx se jkun bizzejjed.

## 13. PUNTI OĦRA

13.1 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li għandha ssir rampa u tiġi rranġata ħofra fi Trejqet il-Qronfol.

13.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li r-Reġjun Tramuntana kien qed joffri 16-il siegħa ta' gwardjani għal attivitajiet bla ħlas. Għall-mistoqsija tas-SE jekk dawn is-sigħat jistgħux jissarrfu f'sigħat ta' eco-wardens minflok, il-Kunsillier Mifsud wieġeb fin-negattiv.

13.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li jitpoġġew tabelli jew isir senjalar mal-art ta' Keep Left fit-telgħa ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello u possibbilment issir ukoll xi mera kbira fil-liwja.

13.3 Il-Kunsillier Mifsud informa li nhar Jum l-Imtarfa se jkun qed jippreżenta l-bandiera tar-Reġjun lill-Kunsill b'mod uffiċjali.

## 14. AĠĠORNAMENT

14.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 6 ta' April 2015 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |